26 ta' April, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Sultana

**Ubbidjenza għall-Ordnijiet ta' l-Awtorità — Bini Perikoluż — Art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

*Min jonqos li jobdi ordni lilu mogħti mill-Pulizija biex jagħmel it-tiswijiet meħtieġa f'bini tiegħu li huwa perikoluż għan-nies li joqogħdu fih jew għan-nies li jgħaddu minn hemm, ma għandux jiġi miżmum ħati ta' ksur tal-liġi, jiġifieri talli naqas li jeżegwixxi dak l-ordni, jekk dan huwa jkun għamlu mhux b'kapriċċ, iżda biex ma jkabbarx il-perikolu u ma jirrendihx aktar reali milli kien.*

*Ordni simili tal-Pulizija ma għandux jiġi kunsidrat bħala ordni mogħti mil-Qorti; għax dan jiġi mogħti wara li l-Qorti tkun investigat il-każ, u wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati.*

Fuq l-akkuża miġjuba kontra Karmnu Sultana, li fl-aħħar tliet xhur qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni, wara li ġie avżat mill-Pulizija bis-saħħa ta' l-art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13), bħala sid tal-post nru. 28 Triq il-Kunċizzjoni, l-Imsida, li jinsab fi stat ħażin, u hekk huwa ta' perikolu tant għal min joqgħod fih kif ukoll għal min ikun għaddej, naqas li jagħmlu fi stat tajjeb u b'hekk ineħħi l-perikolu li jeżisti, taħt id-direzzjoni tad-Direttur tax-Xogħlijiet Publiċi, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tad-19 ta' Ottubru 1951, wara li rat l-art. 18 u 316 tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13) u 352 (cc), 389 u 527 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 12), ikkundannat lill-imsemmi Karmnu Sultana għal riprensjoni u ammonizzjoni, u imponietlu, taħt penali ta' ammenda ta' 5s. għal kull ġurnata ritard, li fi żmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza jneħħi l-perikolu billi (1) ibiddel il-blata miksura..............; u kkundannatu wkoll iħallas, fi żmien xahar minn dak in-nhar, lir-Reġistratur ta' dik il-Qorti, id-dritt u l-ispejjeż tal-perit għaż-żewġ rapporti minnu preżentati, ammontanti għal £21. 0. 0;

L-imputat appella;

Il-Qorti semgħet il-provi; ..............;

Mill-provi rriżulta li d-dar in kwistjoni, li kienet qadima ferm, kienet tikkonsisti f'sebat ikmamar terrani u tnejn fuq, u kollha kemm hi kienet fi stat dilapidat, tant li l-ambjenti kol-

lha kellhom bżonn riparazzjonijiet fil-bini............ Il-perit ġudizzjarju fix-xhieda tiegħu qal li waqt li tkun qiegħda tinbidel il-blata f'tieqa ta' kamra, l-inkwilini kienu jkollhom bżonn iwarrbu minn din il-kamra minħabba l-perikolu; u biex jinbidlu l-blajjet waħda waħda bin-nies ġewwa d-dar, ix-xogħol kien irid isir bil-mod, u għalhekk bi spiża kbira. Ladarba l-faċċata kellha tinħatt ma kienx raġjonevoli li tordna t-tibdil tal-blata ta' tieqa ta' barra bi spiża kbira, meta wara l-faċċata kollha kien ikollha tinħatt, u għalhekk kien ikun sar xogħol ta' xejn. Barra minn dan, il-Qorti ma tistax tifhem kif fi stagun tax-xita qawwija l-inkwilini setgħu jibqgħu mħollija fil-post waqt li tiġi ħajt tal-faċċata, li fuqu jpoġġu t-travi, kellu jinħatt, waqt li s-saqaf ta' kamra oħra ġewwa kellu jinqala', u waqt li f'ambjenti oħra ġewwa kellhom jinbidlu l-blajjet;

Irriżulta li l-imputat kien ried bis-serjetà li jagħmel riparazzjoni kompleta tad-dar; iżda biex ikun jista' jagħmel dan, kien talab lill-inkwilini biex iwarrbu mill-post, u lill-Pulizija għarrafha b'dina n-neċessità; iżda l-inkwilini ma riedux iwarrbu minn hemm, u flimkien mal-Pulizija ppretendew illi jsiru ħafna tiswijiet li elenkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, mingħajr ma joħorġu l-inkwilini. Irriżulta li sew l-arkitett kemm l-imgħallem, imqabbdin mill-imputat biex jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa, irrifjutaw li jassumu r-responsabilità tax-xogħol dment li l-post kien okkupat, minħabba l-perikolu għal min ikun fil-post; u dana ġie konfermat anki quddiem din il-Qorti;

Il-Qorti tirrileva illi l-art. 18 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jaqbel sostanzjalment ma' l-art. 472 tal-Kodiċi Penali Taljan. Infatti dana l-artikolu jgħid :— "Quando un edifizio od un'altra costruzione minacci, in tutto od in parte, rovina, con pericolo per l'altrui sicurezza, il proprietario o chi lo rappresenta, ovvero chi sia altrimenti obbligato alla conservazione od alla vigilanza dell'edifizio o della costruzione, che non provvede ai lavori necessari per rimuovere il pericolo, è punito con l'ammenda da lire dieci a cento; e sino a lire mille, se abbia trasgredito all'ingiunzione dell'autorità competente". Fuq dan l-artikolu huwa ritenut mill-awturi illi "consiste la contravvenzione in una negligenza, e pertanto esula la responsabilità penale qualora si ometta di compiere le opere di riparazione, o

di provvedere in qualsiasi altro modo alla rimozione del pericolo, per mancanza assoluta di mezzi o per qualsiasi altro motivo che escluda la colpa" (Tosti, Delle Contravvenzioni, Vol. II, no. 260, paġ. 117). L-istess igħidu Marchetti, Teoria Generale *delle Contravvenzioni*, p. 226; Chiarappa, Delle Contravvenzioni *in Ispecie*, Vol. II, *no.* 374; u Tuozzi, *Corso di Diritto* Penale, Vol. IV, paġ. 345;

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt tal-perikolu minħabba li l-post ikun okkupat mill-inkwilini, affermat mill-arkitett u l-imgħallem, li lanqas ikunu jridu jerfgħu r-responsabilità tat-tiswijiet minħabba dak il-perikolu, flimkien mal-fatt illi l-imputat kien dejjem lest, anzi ried jagħmel ix-xogħlijiet malli joħorġu l-inkwilini, jikkostitwixxi motiv li jeskludi l-ħtija. U tabilħaqq, malli fil-kors tal-kawża l-Pulizija induċiet l-inkwilini jiżgumbraw mill-post, l-imputat bla telf ta' żmien qabad jagħmel it-tiswijiet, u effettivament diġà għamilhom; u dana juri li jekk l-imputat ma eżegwiex l-ordni tal-Pulizija għat-tiswija, dana ma għamlux b'kapriċċ, imma kellu raġuni valida biex ma jkabbarx il-perikolu u jirrendieh aktar reali milli kien. Divers kien ikun il-każ kieku ma' l-ordni għat-tiswijiet il-Pulizija ħadet bħsieb tordna li jitbattal ukoll il-post min-nies;

Il-Qorti tirrileva li l-ġurisprudenza ċitata mill-Prosekuzzjoni tirrigwarda ordnijiet mhux tal-Pulizija, iżda tal-Qorti, mogħtija b'sentenza wara li l-Qorti nvestigat il-każ u semgħet lill-parti nteressata; u għalhekk dik il-ġurisprudenza mhix applikabili għall-każ in kwistjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-imputat, tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-imputat.